MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2009

Numru. 294/2008

**Il-Pulizja**
**(Spettur Keith Arnaud)**

**vs**

**Marion Cachia**

Kumpilazzjoni 294/2008

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

Marion Cachia ta’ 38 sena, bint Joseph u Tereza nee` Borg, imwielda Pieta` nhar l-24 ta’ Settembru, 1969 u residenti Blk 3B, Flat 6, Triq il-Profs. Walter Ganado, Pembroke u detentrici tal-karta ta’ l-identita` 397169M.

Akkuzata talli nhar it-28 ta' Settembru, 2007, ghall-habta tal-17:20hrs, gewwa Triq tas-Sliema, Gzira, volontarjament hassret, jew gharrqet jew ikkagunat hsara lill-propjeta` privata, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal-mija u tlieta u sittin ewro u hames centezmi ta' l-ewro (€163.05 jew Lm 70) u cioe` mhux iktar minn elf mija u erbgha u stiitn euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma izjed minn mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), liema hsara saret ghad-dannu ta' George Farrugia minn Haz Zebbug, fuq il-vettura tieghu ta' l-ghamla Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni JAE635 u dana bi ksur ta' l-artikolu 325 1(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kisret il-bon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat u glied u dana ai termini ta' l-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, hebbet ghal-George Farrugia minn Haz Zebbug sabiex tingurjah, iddejqu jew tghamel hsara lil din il-persuna minghajr ma dorbot.

Rat l-kunsens ta'l-Avukat Generali sa biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikolu 325(1)(b) 338(dd) u 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti inkluz il-fedina penali ta'l-imputata.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata huma dawk ta' hsara volontarja fuq propjeta ta' George Farrugia, hebb ghal skop ta' ingurja fil-konfront ta'l-istess George Farrugia u ta' ksur tal-paci pubblika.

Illi l-uniku xhud tal-prosekuzzjoni huwa l-parte civile George Farrugia li fil-konfront tieghu ttiehdu wkoll proceduri kriminali  in konnessjoni ma’ l-incident mertu ta’ din il-kawza. Huwa fil-fatt ghazel li ma jixhidx stante li seta’ jinkrimina lilu nniffsu. In oltre huwa irrinunzja ghall-azzjoni kriminali fejn din hija rinunzjabbli.

Illi ghalhekk il-procediment fir-rigward tat-tielet imputazzjoni huwa ezawriet fil-waqt li minhabba nuqqas ta’ provi ohra l-imputazzjonijiet l-ohra ma gewx pruvati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputata hatja ta’ l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u tilliberaha minnhom, tiddikjara l-procediment fir-rigward tat-tielet imputazzjoni ezawriet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------